IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 23.9.2010
KUMM(2010) 502 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

IT-TIELET RAPPORT FINANZJARJU MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR il-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA– SENA FINANZJARJA 2009

SEG(2010) 1098

WERREJ

1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT 4
1.1. Abbozz Preliminari tal-Baġit 2009 4
1.2. Abbozz tal-Baġit 2009 4
1.3. Ittra ta' Emenda għall-2009 4
1.4. Adozzjoni tal-Baġit 2009 4
1.5. Baġit ta' Emenda Nru 8/2009 4
1.6. Baġit ta' Emenda Nru 10/2009 5
1.7. Dħul assenjat lill-FAEG 5
1.8. Ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor 6
1.9. Parti tal-baġit tal-FAEG mill-baġit totali tal-UE 6
2. QAGĦDA FINANZJARJA U L-ĠESTJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET 7
2.1. Ġestjoni tal-approprjazzjonijiet 7
2.1.1. Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja 2009: 7
2.1.2. Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja 2009: 9
2.1.3. Eżekuzzjoni tal-baġit – Nefqa taħt ġestjoni diretta magħmula mill-Kummissjoni 9
2.1.4. Pagamenti ta' kull xahar lill-Istati Membri 10
2.1.4.1. Pagamenti ta' kull xahar għall-provvediment tan-nefqa 10
2.1.4.2. Deċiżjonijiet dwar il-pagamenti ta' kull xahar għall-2009 10
3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2009 11
3.1. Daħla 11
4. RIMARKI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT AGRIKOLU 11
4.1. Kapitolu 05 02: Interventi fis-swieq agrikoli 11
4.1.1. Daħla 11
4.1.2. Ċereali 11
4.1.3. Programmi tal-ikel 12
4.1.4. Frott u ħaxix 12
4.1.5. Prodotti tas-settur tal-inbid 12
4.1.6. Ħalib u prodotti tal-ħalib 12
4.2. Kapitolu 05 03: Għajnuniet diretti 12

4.3. Kapitolu 05 07: Verifika tan-nefqa agrikola 13

4.3.1. Artikolu 05 07 01: Kontroll tan-nefqa agrikola 13

5. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT 13

5.1. Dħul assenjat lill-FAEG 13

5.2. Dħul assenjat li jikkonċerna l-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor 13

5.3. Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor 13

6. ANALIŻI SKONT IT-TIP TA' NEFQA 14

ANNESS 1 PROĊEDURA TAL-BAĠIT GĦALL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN TAL-FAEG TAL-2009

ANNESS 2 PARTI TAL-BAĠIT TAL-FAEG MILL-BAĠIT TAL-UE MILL-2003 SAL-2009

ANNESS 3 ANALIŻI TAL-EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEG – SENA FINANZJARJA 2009

ANNESS 4-I ANALIŻI TAL-EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEG – SENA FINANZJARJA 2009. DĦUL ASSENJAT. C4

ANNESS 4-II ANALIŻI TAL-EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEG – SENA FINANZJARJA 2009. DĦUL ASSENJAT. C5

ANNESS 5 EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEG SKONT L-ARTIKOLU U L-ISTAT MEMBRU – SENA FINANZJARJA 2009

ANNESS 6 EVOLUZZJONI TAL-ANALIŻI TAN-NEFQA TAL-FAEG SNIN FINANZJARJI MILL-2004 SAL-2009

Nota: Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni dettaljat huwa mehmuż ma' dan ir-rapport. It-test sħiħ ta' dan id-Dokument ta' Ħidma (bl-Ingliż) u t-tabelli annessi (bl-Ingliż) se jkunu disponibbli wkoll fuq is-sit tal-internet Europa tad-DĠ għall-Agrikoltura (http://ec.europa.eu/agriculture/fin/finrep_en.htm).

1. PROĊEDURA TAL-BAĠIT[1]

1.1. Abbozz Preliminari tal-Baġit 2009

L-Abbozz Preliminari tal-Baġit (APB) 2009 ġie adottat mill-Kummissjoni u propost lill-Awtorità tal-Baġit fis-6 ta' Mejju 2008**.** L-approprjazzjonijiet ta' impenn proposti għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) taħt l-Intestatura 2 tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 kienu jammontaw għal total ta' EUR 42 860.3 miljun.

1.2. Abbozz tal-Baġit 2009

Il-Kunsill adotta l-Abbozz tal-Baġit 2009 f'Lulju 2008. L-approprjazzjonijiet tal-FAEG tnaqqsu b'EUR 380.0 miljun meta mqabbla mal-APB għal EUR 42 480.3 miljun.

1.3. Ittra ta' Emenda għall-2009

F'Ottubru 2008, il-Kummissjoni adottat l-Ittra ta' Emenda Nru 2 għall-APB 2009, fejn ir-rekwiżiti tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-FAEG ġew iffissati għal EUR 41 579.89 miljun li kienu EUR 1 280.4 miljun inqas meta mqabbla mal-Abbozz Preliminari tal-Baġit.

1.4. Adozzjoni tal-Baġit 2009

Il-Parlament Ewropew adotta l-baġit tal-2009 fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Diċembru 2008.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-FAEG vvotati kienu jammontaw għal total ta' EUR 41 131.4 miljun, jiġifieri kienu EUR 448.5 miljun inqas meta mqabbla mal-Ittra ta' Emenda. F'dan it-total, ġew previsti approprjazzjonijiet ta' impenn li kienu jammontaw għal EUR 3 409.6 miljun għal miżuri tas-suq taħt il-Kapitolu 05 02 filwaqt li EUR 37 779.0 miljun kienu previsti għall-għajnuniet diretti taħt il-Kapitolu 05 03. Barra minn hekk, il-baġit tal-2009 ippreveda approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 320.7 miljun għall-Qasam tal-Politika Nru 17-miżuri veterinarji u fitosanitarji u EUR 29.5 miljun għall-Qasam tal-Politika Nru 11-is-settur tas-sajd.

Għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-Anness 1.

1.5. Baġit ta' Emenda Nru 8/2009

F'Ġunju 2009, il-Kummissjoni pproponiet filwaqt li l-Awtorità tal-Baġit adottat il-Baġit ta' Emenda Nru 8/2009, tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit tal-2009, li żied l-ammont disponibbli għall-FAEG b'EUR 49.3 miljun iddestinati għall-programmi tal-qerda tal-annimali, u speċifikatament għall-qerda tal-marda *bluetongue*, fil-Qasam tal-Politika Nru 17-miżuri veterinarji u fitosanitarji.

---

[1] Din il-proċedura hija ppreżentata fl-Anness 1.

1.6. Baġit ta' Emenda Nru 10/2009

F'Novembru 2009, il-Kummissjoni pproponiet u l-Awtorità tal-Baġit adottat il-Baġit ta' Emenda Nru 10/2009 fejn l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-FAEG tnaqqsu b'EUR 135.0 miljun sabiex tingħata kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (EERP) u l-approprjazzjonijiet ta' pagament tat-STŻR[2] tnaqqsu b'EUR 111.2 miljun (NB: It-TRDI huwa ffinanzjat taħt dak li qabel kien il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija-Taqsima tal-Garanzija).

1.7. Dħul assenjat lill-FAEG[3]

Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), id-dħul li joriġina mill-korrezzjonijiet finanzjarji skont deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità, minn irregolaritajiet u mill-imposta fuq il-ħalib jiġi ddeżinjat bħala dħul assenjat għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG. Dan id-dħul assenjat jista' jintuża, parzjalment jew kollu, sabiex ikopri l-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG jekk l-approprjazzjonijiet tal-baġit mogħtija mill-Awtorità tal-Baġit ma jkunux biżżejjed sabiex jiffinanzjaw in-nefqa li jkunu għamlu l-Istati Membri. F'każ fejn dan id-dħul kollu jew parti minnu ma jintużax, dan jiġi ttrasferit awtomatikament għas-sena tal-baġit li jmiss sabiex ikunu ffinanzjati l-ħtiġijiet tal-baġit ta' dik is-sena.

Fiż-żmien li ġie stabbilit il-baġit tal-2009, saret stima tad-dħul kemm għall-ammont li kien mistenni li jinġabar matul is-sena tal-baġit tal-2009 kif ukoll għall-ammont li kien mistenni li jiġi ttrasferit mis-sena tal-baġit tal-2008 għall-2009. Din l-istima ttieħdet inkunsiderazzjoni meta l-Awtorità tal-Baġit adottat il-baġit tal-2009. B'mod speċifiku:

– Ġie stmat li d-dħul mill-korrezzjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità u mill-irregolaritajiet huwa EUR 600.0 miljun u EUR 105.0 miljun rispettivament filwaqt li d-dħul mill-imposta fuq il-ħalib ġie stmat li huwa EUR 337.0 miljun. B'hekk, l-ammont totali ta' dħul assenjat li mistenni li jinġabar matul is-sena tal-baġit 2009 ġie stmat li jlaħħaq EUR 1 042.0 miljun.

– L-ammont ta' dħul assenjat li mistenni jiġi ttrasferit mis-sena tal-baġit 2008 għall-2009 ġie stmat li huwa EUR 1 334.0 miljun.

L-ammont totali ta' EUR 2 376.0 miljun ittieħed inkunsiderazzjoni peress li l-Kummissjoni naqqset l-approprjazzjonijiet mitluba għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix b'EUR 515.0 miljun u għall-iskema ta' pagament uniku b'EUR 1 861.0 miljun. Wara li ħadet inkunsiderazzjoni dawn l-ammonti, l-Awtorità tal-Baġit eventwalment tat approprjazzjonijiet li jammontaw għal EUR 260.0 miljun u EUR 27 239.0 miljun rispettivament għal dawn l-iskemi.

Għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-Annessi 4.I u 4.II.

---

2 STŻR: Strument Temporanju għall-Iżvilupp Rurali għall-UE 10

3 Dawn l-ammonti ma ddaħħlux fil-linji tad-dħul tal-baġit (l-Artikolu 670 għad-dħul assenjat lill-FAEG) iżda qed jissemmew fir-rimarki dwar il-baġit għal dan l-artikolu.

1.8. Ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor[4]

L-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor, kif inhu stabbilit fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006, jiġu trattati bħala dħul assenjat maħsub biex jiffinanzja l-għajnuna għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor u l-għajnuniet l-oħra previsti fil-Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor. Għal kull sena tas-suq, li jibdew mill-2006/07 sal-2008/09, dawn l-ammonti huma marbuta mal-kwoti kwantitattivi taz-zokkor, tax-xropp tal-inulina u l-isoglukożju miżmuma mill-operaturi f'kull Stat Membru u għandhom jitħallsu mill-Istati Membri fil-Fond f'żewġ pagamenti, li l-iskadenzi tagħhom huma l-31 ta' Marzu u t-30 ta' Novembru rispettivament għal kull sena.

Meta ġie stabbilit il-baġit tal-2009, l-istima ta' dan id-dħul li hu mistenni li jiġi ttrasferit fil-baġit tal-UE matul is-sena kienet tammonta għal EUR 1 742.0 miljun. Fl-istess ħin, kien mistenni li ammont ta' EUR 2 006.0 miljun jiġi ttrasferit mis-sena tal-baġit 2008 għall-2009.

Għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-Annessi 4.I u 4.II.

1.9. Parti tal-baġit tal-FAEG mill-baġit totali tal-UE

Il-parti finali tal-baġit tal-FAEG (approprjazzjonijiet ta' impenn) mill-baġit totali tal-UE għall-perjodu 2003-2009 tidher fl-Anness 2.

---

[4] Dawn l-ammonti ma ddaħħlux fil-linji tad-dħul tal-baġit (l-Artikolu 680 għall-ammonti temporanji għar-ristrutturar għas-settur taz-zokkor) iżda qed jissemmew fir-rimarki dwar il-baġit għal dan l-artikolu.

2. QAGĦDA FINANZJARJA U L-ĠESTJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET

2.1. Ġestjoni tal-approprjazzjonijiet

2.1.1. Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja 2009:

F'EUR

It-taqsima tan-nefqa tal-baġit (1)	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament	**It-taqsima tad-dħul tal-baġit (DA)** (3)	Previżjonijiet
1. Approprjazzjonijiet inizjali għall-FAEG	41 131 356 325	41 265 823 325	1. Approvazzjoni tal-konformità	600 000 000
2. Baġits ta' emenda (2)	-85 660 000	-246 200 000	2. Irregolaritajiet	105 000 000
3. Approprjazzjonijiet finali għall-FAEG li minnhom:	**41 045 696 325**	**41 021 423 325**	3. Imposta addizjonali mill-produtturi tal-ħalib	337 000 000
3a. Approprjazzjonijiet għal ġestjoni komuni (minbarra STŻR (4) UE 10)	40 589 704 325	40 589 704 325	4. Ammonti temporanji għar-ristrutturar għas-settur taz-zokkor (5)	1 742 000 000
3b. Approprjazzjonijiet għan-nefqa taħt ġestjoni diretta (6)	455 992 000	360 919 000	**Previżjoni totali ta' DA**	**2 784 000 000**
3c. Approprjazzjonijiet għas-STŻR UE 10 (7)	0	70 800 000		

(1) L-approprjazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit tal-2009 fejn ittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul assenjat li għandu jinġabar fl-2009 u l-ammont ittrasferit mill-2008 għall-2009 skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1605/2002.

(2) Għall-approprjazzjonijiet ta' impenn, il-Baġits ta' Emenda Nru 8 u Nru 10/2009 jipprevedu tnaqqis ta' EUR 135.0 miljun għall-EERP (punt 1.6) u żieda għall-Qasam tal-Politika Nru 17-Nefqa għall-miżuri veterinarji u fitosanitarji (Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi) ta' EUR 49.3 miljun (punt 1.5).
Għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, il-Baġit ta' Emenda 10/2009 jipprevedi tnaqqis ta' EUR 135 miljun għall-EERP (punt 1.6) u ta' EUR 111.2 miljun għas-STŻR-dak li kien il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija-Taqsima tal-Garanzija (ex-FAEGG).

(3) DA: Dħul assenjat li għandu jinġabar. Ma hemm l-ebda ammont ta' dħul li ddaħħal fil-linja tad-dħul (p.m.)[5], imma l-ammont tal-previżjoni huwa indikat fir-rimarki dwar il-baġit.

(4) STŻR: Strument Temporanju ranżizzjonali għall-Iżvilupp Rurali għall-UE 10.

(5) Dan id-dħul jintuża sabiex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-ħlas tal-appoġġ għall-Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor.

(6) 80% tal-approprjazzjonijiet ta' impenn jikkonċernaw il-Qasam tal-Politika Nru 17-Nefqa għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji (Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi). Il-kumplament jikkonċernaw b'mod indaqs il-Qasam tal-Politika Nru 05-Agrikoltura u Żvilupp Rurali (Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali) u l-Qasam tal-Politika Nru 11-Is-Settur tas-Sajd (Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd). Il-pagamenti għad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd jinkludu EUR 1.8 miljun li kienu ttrasferiti minn partiti oħrajn tal-Qasam tal-Politika Nru 11-Is-Settur tas-Sajd.

(7) Fi tmiem is-sena, l-approprjazzjonijiet ta' pagamenti oriġinali ta' EUR 182 miljun tnaqqsu għal EUR 70.8 miljun wara l-Baġit ta' Emenda Nru 10/2009.

[5] p.m.: "pour mémoire".

2.1.2. Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja 2009:

F'EUR

	Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn	**Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament**
Ġestjoni komuni (minbarra STŻR UE 10) (1):	46 024 783 279.92	46 024 783 279.92
Nefqa taħt ġestjoni diretta	444 795 087.91	270 611 015.99
STŻR UE 10	0.00	67 170 526.24
Total (inkluż *il-Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor)*(2)	**46 469 578 367.83**	**46 362 564 822.15**
Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor	3 017 689 890.69	3 017 689 890.69
Total (eskluż *il-Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor)*	**43 451 888 477.14**	**43 344 874 931.46**

(1) Ammonti impenjati. Impenji u ħlasijiet mingħajr id-dħul assenjat riċevut: EUR 43 197 343 784.95.

(2) Biż-żieda ta' ammont ta' EUR 2 165 546.21 (li jikkonċerna l-eżekuzzjoni tad-dħul assenjat għal nefqa diretta li ma ttiħdietx inkunsiderazzjoni), l-eżekuzzjoni tammonta għal EUR 46 471 743 914.04 f'approprjazzjonijiet ta' impenn (FAEG + Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor). L-ammont nett wara li jitnaqqas il-Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor huwa ta' EUR 43 454 054 023.35.

Għas-sena finanzjarja 2009, l-ammont effettiv tal-approprjazzjonijiet ta' impenn li ntużaw kien jammonta għal EUR 46 469 578 368 filwaqt li dak għall-approprjazzjonijiet ta' ħlas kien jammonta għal EUR 46 362 564 822.

2.1.3. Eżekuzzjoni tal-baġit – Nefqa taħt ġestjoni diretta magħmula mill-Kummissjoni

F'EUR

Nefqa taħt ġestjoni diretta	Approprjazzjoniji et ta' impenn	Diżimpenji	Approprjazzjoniji et ta' pagament	Trasferiment ghall-2010 (1)
Approprjazzjonijiet	455 992 000.00	-	360 919 000.00	-
Eżekuzzjoni	444 795 087.91	-	270.611.015.99	31.370.402.92
Approprjazzjonijiet imħassra	11 196 912.09	-	90 307 984.01	-

(1) Trasferiment ghall-2010 ghal approprjazzjonijiet mhux differenzjati biss

Fil-baġit tal-2009 kienu previsti approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 456 miljun ghan-nefqa taħt ġestjoni diretta. Fl-2009 kien impenjat ammont ta'

EUR 444.8 miljun. Il-bilanċ ta' dawn l-approprjazzjonijiet, EUR 11.2 miljun, kien imħassar.

80% tal-approprjazzjonijiet ta' impenn jikkonċernaw il-Qasam tal-Politika Nru 17-Nefqa għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji. Il-kumplament jikkonċernaw b'mod indaqs il-Qasam tal-Politika Nru 05-Agrikoltura u Żvilupp Rurali u l-Qasam tal-Politika Nru 11-Is-Settur tas-Sajd.

2.1.4. Pagamenti ta' kull xahar lill-Istati Membri

2.1.4.1. Pagamenti ta' kull xahar għall-provvediment tan-nefqa

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni[6] fl-Artikolu 15 jistipula li "*il-Kummissjoni għandha tagħmel pagamenti ta' kull xahar ... għan-nefqa effettwata mill-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tal-Istati Membri matul ix-xahar ta' referenza*"[traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-pagamenti ta' kull xahar iridu jsiru lil kull Stat Membru mhux aktar tard mit-tielet jum tax-xogħol tat-tieni xahar wara dak li fih issir in-nefqa.

Il-pagamenti ta' kull xahar huma rimborż tan-nefqa netta (wara t-tnaqqis tad-dħul) li tkun diġà saret u jkunu disponibbli abbażi tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar mibgħuta mill-Istati Membri[7]. L-aġġornament tan-nefqa u tad-dħul li jsir kull xahar fil-kotba huwa suġġett għal kontrolli u korrezzjonijiet abbażi tad-dikjarazzjoni dettaljata[8]. Barra minn hekk, dawn il-ħlasijiet isiru finali wara l-verifika matul l-eżerċizzi ta' wara fid-dawl tal-approvazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-kontabilità.

Il-pagamenti magħmula mill-Istati Membri mis-16.10.2008 sal-15.10.2009 huma koperti mis-sistema ta' pagamenti ta' kull xahar. Għall-kumplament tal-pagamenti, il-Kummissjoni twettaq pagamenti diretti għal għadd limitat ta' miżuri.

Għall-eżerċizzju tal-2009, l-ammont nett totali ta' pagamenti ta' kull xahar li saru kien ta' EUR 43 197 343 784.95.

2.1.4.2. Deċiżjonijiet dwar il-pagamenti ta' kull xahar għall-2009

Għas-sena finanzjarja 2009, il-Kummissjoni adottat tnax-il deċiżjoni dwar il-pagamenti ta' kull xahar. Barra minn hekk, pagament ta' kull xahar addizzjonali, li jaġġusta dawk li ngħataw diġà għan-nefqa totali debitabbli f'dik is-sena, kien deċiż f'Diċembru 2009.

---

6 ĠU L 209 tal-11.8.2005, p. 1.

7 Dawn id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa ta' kull xahar jiġu trażmessi mill-Istati Membri permezz tad-dikjarazzjoni tal-10 tax-xahar N+1.

8 Id-dikjarazzjonijiet dettaljati jiġu trażmessi kull xahar mill-Istati Membri (permezz tat-tabella 104) fl-20 tax-xahar N+1.

3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2009

3.1. Daħla

Is-sena agrikola 2009 kienet ikkaratterizzata minn tnaqqis notevoli fil-prezzijiet tal-produzzjoni agrikola, kemm fis-suq tal-UE kif ukoll fis-swieq dinjija, partikolarment fis-settur tal-ħalib. Is-sitwazzjoni diffiċili fis-swieq agrikoli kienet aċċentwata aktar mill-kriżi finanzjarja dinjija u mill-perspettiva ekonomika ġenerali negattiva. Dawn l-iżviluppi affetwaw kemm il-livell tan-nefqa tal-FAEG kif ukoll l-użu tal-approprjazzjonijiet ta' kreditu disponibbli f'ċerti oqsma tal-baġit.

L-implimentazzjoni tal-baġit ammontat għal EUR 43 454.1 miljun. Din in-nefqa kienet iffinanzjata mill-approprjazzjonijiet inizjali tal-baġit, billi ntuża l-ammont kollu tad-dħul assenjat, ta' EUR 1 474.1 miljun, ittrasferit mill-2008 u parti mid-dħul assenjat miġbur fl-2009, li kien jammonta għal EUR 944.5 miljun minn total ta' EUR 1 086.0 miljun. Fil-Qasam tal-Politika Nru 05-Agrikoltura u Żvilupp Rurali, in-nefqa għall-miżuri tas-suq ammontat għal EUR 3 987 miljun u dik għall-għajnuniet diretti kienet ta' EUR 39 113.9 miljun, biż-żewġ setturi jaqbżu l-approprjazzjonijiet ivvotati tal-baġit. Din is-sopraimplimentazzjoni apparenti kienet parzjalment koperta bit-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet minn partiti oħrajn tal-baġit u parzjalment bid-dħul li kien assenjat lill-baġit tal-FAEG.

Barra minn hekk, l-ammont totali tal-implimentazzjoni msemmi iktar 'il fuq jinkludi nefqa għall-miżuri tas-suq tas-sajd (Qasam tal-Politika Nru 11) ta' EUR 29.4 miljun kif ukoll dawk li jikkorrispondu għan-nefqa veterinarja (Qasam tal-Politika Nru 17) ta' EUR 364.3 miljun. (NB: Għal iktar dettalji, jekk jogħġbok ara l-Anness 3). L-Anness 5 jippreżenta analiżi tan-nefqa tal-FAEG skont l-artikolu u l-Istat Membru.

4. RIMARKI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT AGRIKOLU

Minn hawn 'il quddiem qed jiġu ppreżentati rimarki fil-qosor dwar l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet tal-baġit agrikolu abbażi tad-dettalji li jidhru fl-Anness 3.

4.1. Kapitolu 05 02: Interventi fis-swieq agrikoli

4.1.1. Daħla

Il-pagamenti totali għal dan il-qasam tal-baġit ammontaw għal EUR 3 987.0 miljun u kienu ffinanzjati bl-approprjazzjonijiet ivvotati tal-baġit li kienu jammontaw għal EUR 3 287.7 miljun u bid-dħul assenjat li kien jammonta għal EUR 702.0 miljun.

4.1.2. Ċereali

Is-sopraimplimentazzjoni tas-settur kienet primarjament dovuta għall-fatt li l-ħażniet ta' intervent żdiedu minn madwar 0.047 miljun tunnellata fil-bidu tas-sena għal madwar 1.56 miljun tunnellata sa tmiem is-sena.

4.1.3. Programmi tal-ikel

Rigward id-distribuzzjoni tal-prodotti agrikoli lil persuni żvantaġġjati, is-sottoimplimentazzjoni osservata kienet dovuta għad-diffikultajiet amministrattivi li ltaqgħu magħhom ċerti Stati Membri li ma ħallewhomx jagħmlu x-xiri kollu mis-suq għad-diversi prodotti previsti fil-pjan ta' distribuzzjoni tal-2009. Għandu jiġi nnotat ukoll li fl-2009 l-ammont ibbaġitajt żdied għal EUR 500 miljun.

4.1.4. Frott u ħaxix

Is-sopraimplimentazzjoni apparenti tas-settur kienet dovuta għall-effett tekniku tal-finanzjament ta' parti min-nefqa bid-dħul assenjat, li kien jammonta għal EUR 413.4 miljun, għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u biż-żieda fil-pagamenti li ġarrbu l-Istati Membri għall-għajnuna lill-gruppi ta' produtturi għar-rikonoxximent preliminari.

4.1.5. Prodotti tas-settur tal-inbid

Il-miżuri primarji ffinanzjati f'dan is-settur huma l-programmi nazzjonali ta' appoġġ u l-iskema tal-qlugħ tad-dwieli. Rigward il-programmi nazzjonali ta' appoġġ, l-Istati Membri kellhom implimentazzjoni sodisfaċenti ta' dawn il-programmi fid-dawl tal-fatt li din kienet l-ewwel sena tal-applikazzjoni tagħhom. Rigward l-iskema tal-qlugħ tad-dwieli, kien hemm għadd ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna ferm ikbar u dan irriżulta f'nefqa ikbar mill-Istati Membri konċernati meta pparagunata mal-approprjazzjonijiet li kien hemm fil-baġit.

4.1.6. Ħalib u prodotti tal-ħalib

Sabiex tagħmel tajjeb għas-sitwazzjoni diffiċili tas-suq fis-settur tal-ħalib, f'Jannar 2009 il-Kummissjoni reġgħet daħħlet ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Barra minn hekk, kwantitajiet sinifikanti ta' trab tal-ħalib xkumat u ta' butir inxtraw għal ħżin pubbliku fejn il-perjodu tax-xiri tagħhom kien estiż lil hinn mil-limitu ta' żmien normali tal-31 ta' Awwissu. Billi l-baġit tal-2009 kien stabbilit f'Settembru 2008, ma kinux previsti approprjazzjonijiet għal dawn l-operazzjonijiet, u b'hekk in-nefqa li saret f'dan is-settur qabżet l-approprjazzjonijiet korrispondenti tal-baġit.

4.2. Kapitolu 05 03: Għajnuniet diretti

L-approprjazzjonijiet ivvotati għal dan il-kapitolu tal-baġit ammontaw għal EUR 37 779.0 miljun filwaqt li l-pagamenti ammontaw għal madwar EUR 39 113.9 miljun. Din is-sopraimplimentazzjoni apparenti kienet, primarjament, attribwibbli għall-iskema ta' pagament uniku (l-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu tnaqqsu sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul assenjat) u kienet koperta parzjalment bit-trasferimenti tal-baġit minn partiti oħrajn tal-baġit u parzjalment bid-dħul li kien assenjat lil din l-iskema fil-baġit tal-2009.

4.3. Kapitolu 05 07: Verifika tan-nefqa agrikola

4.3.1. Artikolu 05 07 01: Kontroll tan-nefqa agrikola

Dan l-artikolu jinkludi prinċipalment l-ammonti kkreditati lill-baġit tal-FAEG permezz tal-korrezzjonijiet mill-approvazzjoni tal-kontijiet u min-nuqqas ta' rispett tal-iskadenzi għall-pagamenti lill-benefiċjarji. L-ammont totali ta' dawn il-korrezzjonijiet ammonta għal - EUR 115.1 miljun. L-approprjazzjonijiet tal-baġit adottati mill-Awtorità tal-Baġit ammontaw għal - EUR 490.0 miljun għal dawn il-korrezzjonijiet. Il-Kummissjoni għalqet dan il-kont billi ttrasferiet approprjazzjonijiet li kienu jammontaw għal EUR 375.1 miljun mid-dħul assenjat miġbur matul is-sena tal-baġit tal-FAEG 2009.

5. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT

5.1. Dħul assenjat lill-FAEG

Id-dħul assenjat li tabilħaqq ġie ttrasferit mill-2008 għall-2009, ammonta għal EUR 1 474.1 miljun u ntuża kompletament għall-finanzjament tan-nefqa tas-sena tal-baġit 2009, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Finanzjarju. Dan l-ammont kopra n-nefqa ta' EUR 343.8 miljun għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u ta' EUR 1 130.4 miljun għall-iskema ta' pagament uniku.

Id-dħul assenjat miġbur fl-2009 kien jammonta għal EUR 1 086.0 miljun. Parti minn dan id-dħul assenjat, li kien jammonta għal EUR 944.7 miljun, intuża sabiex tkun koperta n-nefqa li saret matul is-sena u l-bilanċ, li kien jammonta għal EUR 141.5 miljun, kien awtomatikament ittrasferit għall-baġit tal-2010 sabiex ikunu ffinanzjati l-ħtiġijiet tal-baġit ta' dik is-sena.

Għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-Annessi 4.I u 4.II.

5.2. Dħul assenjat li jikkonċerna l-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor

L-ammont totali tad-dħul assenjat ittrasferit mill-Istati Membri fl-2009 ammonta għal EUR 1 742.0 miljun. Barra minn hekk, id-dħul assenjat ittrasferit mill-2008 għall-2009 ammonta għal EUR 2 044.6 miljun. Għalhekk, l-ammont totali ta' dħul assenjat disponibbli għall-baġit tal-UE fl-2009 fil-forma ta' ammonti temporanji għar-ristrutturar laħaq EUR 3 786.0 miljun. F'dan il-punt ta' żmien, wara l-ħlasijiet għall-għajnuniet li saru lill-benefiċjarji tal-fond għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor, l-ammonti temporanji tar-ristrutturar kienu jippreżentaw bilanċ ta' EUR 768.3 miljun li se jiġi ttrasferit għall-2010.

Għad-dettalji jekk jogħġbok ara l-punt 5.3 u l-Annessi 4.I u 4.II.

5.3. Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor

Matul is-sena tal-baġit 2009, l-Istati Membri għamlu pagamenti totali għal għajnuniet lill-industrija ristrutturata taz-zokkor, għal għajnuniet ta' diversifikazzjoni kif ukoll

għal għajnuniet għall-irfinar taz-zokkor, li ammontaw għal madwar EUR 3 017.7 miljun. Dawn l-għajnuniet tħallsu mid-dħul imsemmi iktar 'il fuq li kien joriġina mill-ammonti temporanji għar-ristrutturar fis-settur taz-zokkor.

Għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-Annessi 4.I u 4.II.

6. ANALIŻI SKONT IT-TIP TA' NEFQA

In-nefqa totali tal-FAEG tammonta għal EUR 43 454.1 miljun (minbarra l-Fond għar-Ristrutturar tas-Settur taz-Zokkor). Minn hawn 'il quddiem, din in-nefqa qed tiġi ppreżentata f'forma ta' analiżi skont il-kategoriji l-iktar sinifikanti flimkien mal-perċentwali li dawn jirrappreżentaw fin-nefqa totali tal-FAEG għall-2009:

Ħżin

In-nefqa għall-ħżin ammontat għal EUR 173.4 miljun, jiġifieri 0.04 % tat-total. Il-prodotti ewlenin involuti kienu l-prodotti tas-setturi taċ-ċereali, tal-inbid, tal-ħalib u tal-laħam tal-majjal.

Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni

L-infiq fuq ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ammonta għal EUR 649.5 miljun, jiġifieri: 1.50 % tat-total.

Miżuri oħrajn tas-suq

In-nefqa fuq miżuri oħrajn tas-suq ammontat għal EUR 3 085.6 miljun, jiġifieri: 7.10 % tat-total tas-sena. Din il-kategorija tkopri n-nefqa prinċipalment relatata mas-swieq taċ-ċereali, tal-frott u l-ħaxix, tal-inbid, tal-ħalib, tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella u tal-laħam tal-majjal kif ukoll mal-programmi tal-ikel. Tinkludi wkoll parti mill-korrezzjonijiet li jirriżultaw mill-verifika tan-nefqa agrikola.

Għajnuniet diretti

In-nefqa għall-għajnuniet diretti ammontat għal EUR 39 113.9 miljun, jiġifieri: 90.01 % tat-total.

Nefqa diretta

Din in-nefqa, li kienet tammonta għal EUR 447 miljun, jiġifieri: 1.03%, saret direttament mill-Kummissjoni u prinċipalment kopriet in-nefqa relatata mal-miżuri veterinarji kif ukoll mal-kontabilità tal-farms u mal-istħarriġ agrikolu.

Żvilupp rurali

Fil-baġit tal-2009 ma kienet prevista l-ebda approprjazzjoni għat-Taqsima tal-Garanzija ta' dak li qabel kien il-FAEGG[9]. Fl-istess ħin, l-Istati Membri ddikjaraw li l-irkupri ta' ammonti li kienu tħallsu qabel jammontaw għal -EUR 13.3 miljun.

L-evoluzzjoni ta' din l-analiżi skont it-tip ta' nefqa għall-perjodu 2004-2009 hija ppreżentata fl-Anness 6.

[9] Żvilupp rurali ffinanzjat minn dak li qabel kien il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija-Taqsima tal-Garanzija (FAEGG) – Perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006.

ANNESS 1

Proċedura tal-baġit tal-FAEG għall-2009

Approprjazzjonijiet ta' Impenn

F'EUR miljun

Titolu	Kapitolu	Artikolu	Intestatura	APB *** AI*	APB *** AP**	AB L-ewwel qari tal-Kunsill** ** AI*	AB L-ewwel qari tal-Kunsill** ** AP**	AB L-ewwel qari tal-PE*** ** AI*	AB L-ewwel qari tal-PE*** ** AP**	Ittra ta' Emenda AI*	Ittra ta' Emenda AP**	It-tieni qari tal-Kunsill AI*	It-tieni qari tal-Kunsill AP**	BAĠIT AI*	BAĠIT AP**
05	**01**		**ĠESTJONI U NEFQA TA' APPOĠĠ TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**	**9,02**
05	01	04	Assistenza teknika mhux operattiva għall-FAEG (7)	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02	9,02
05	**02**		**INTERVENTI FIS-SWIEQ AGRIKOLI**	**3.462,72**	**3.462,72**	**3.312,72**	**3.312,72**	**4.113,17**	**4.113,17**	**3.454,06**	**3.454,06**	**3.409,52**	**3.409,52**	**3.409,52**	**3.409,52**
05	02	01	Ċereali	42,10	42,10	39,72	39,72	42,10	42,10	42,60	42,60	40,22	40,22	40,22	40,22
05	02	02	Ross	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05	02	03	Rifużjonijiet fuq prodotti li mhumiex fl-Anness 1	70,00	70,00	66,03	66,03	70,00	70,00	127,00	127,00	127,00	127,00	127,00	127,00
05	02	04	Programmi tal-ikel	315,10	315,10	315,10	315,10	350,10	350,10	500,10	500,10	500,10	500,10	500,10	500,10
05	02	05	Żokkor	103,20	103,20	97,36	97,36	103,20	103,20	182,30	182,30	182,30	182,30	182,30	182,30
05	02	06	Żejt taż-żebbuġa	51,50	51,50	48,58	48,58	51,50	51,50	49,20	49,20	46,48	46,48	46,48	46,48
05	02	07	Pjanti li minnhom isiru t-tessuti	21,00	21,00	19,81	19,81	21,00	21,00	21,00	21,00	19,81	19,81	19,81	19,81
05	02	08	Frott u ħaxix (1)	684,90	684,90	646,12	646,12	684,90	684,90	343,60	343,60	343,59	343,59	343,59	343,59
05	02	09	Prodotti tas-settur tal-inbid	1.406,00	1.406,00	1.326,39	1.326,39	1.406,00	1.406,00	1.347,24	1.347,24	1.320,97	1.320,97	1.320,97	1.320,97
05	02	10	Promozzjoni	50,12	50,12	50,12	50,12	50,12	50,12	58,12	58,12	58,12	58,12	58,12	58,12
05	02	11	Prodotti tal-pjanti/miżuri oħrajn	381,60	381,60	381,60	381,60	381,60	381,60	386,70	386,70	386,70	386,70	386,70	386,70
05	02	12	Ħalib u prodotti tal-ħalib	140,00	140,00	135,87	135,87	753,00	753,00	142,00	142,00	137,87	137,87	137,87	137,87
05	02	13	Laħam taċ-ċanga u vitella	36,10	36,10	34,06	34,06	36,10	36,10	51,10	51,10	50,58	50,58	50,58	50,58
05	02	14	Laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05	02	15	Laħam tal-majjal, bajd u tjur, trobbija tan-naħal u prodotti oħrajn tal-annimali	161,10	161,10	151,98	151,98	163,55	163,55	203,10	203,10	195,79	195,79	195,79	195,79
05	**03**		**GĦAJNUNIET DIRETTI**	**39.077,00**	**39.077,00**	**39.077,00**	**39.077,00**	**39.112,00**	**39.112,00**	**37.779,00**	**37.779,00**	**37.779,00**	**37.779,00**	**37.779,00**	**37.779,00**
05	03	01	Għajnuniet diretti diżakkoppjati (2)	32.525,00	32.525,00	32.525,00	32.525,00	32.525,00	32.525,00	31.295,00	31.295,00	31.295,00	31.295,00	31.295,00	31.295,00
05	03	02	Għajnuniet diretti oħrajn	5.990,00	5.990,00	5.990,00	5.990,00	6.025,00	6.025,00	5.922,00	5.922,00	5.922,00	5.922,00	5.922,00	5.922,00
05	03	03	Ammonti addizzjonali ta' għajnuna	562,00	562,00	562,00	562,00	562,00	562,00	562,00	562,00	562,00	562,00	562,00	562,00
05	**04**		**ŻVILUPP RURALI** (3)	**0,00**	**185,00**	**0,00**	**185,00**	**0,00**	**185,00**	**0,00**	**185,00**	**0,00**	**185,00**	**0,00**	**185,00**
05	04	01	Żvilupp rurali ffinanzjat mit-Taqsima tal-Garanzija tal-FAEGG - Perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 (3)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
05	04	03	Riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-annimali - Twettiq tal-miżuri abkar	pm	3,00	pm	3,00	pm	3,00	pm	3,00	pm	3,00	pm	3,00
05	04	04	STŻR mit-Taqsima tal-Garanzija tal-FAEGG għall-Istati Membri l-ġodda (4)	pm	182,00	pm	182,00	pm	182,00	pm	182,00	pm	182,00	pm	182,00
05	**07**		**VERIFIKA TAN-NEFQA AGRIKOLA**	**-73,50**	**-73,50**	**-303,50**	**-303,50**	**-73,50**	**-73,50**	**-48,50**	**-48,50**	**-458,50**	**-458,50**	**-458,50**	**-458,50**
05	07	01	Kontroll tan-nefqa agrikola (5)	-73,50	-73,50	-303,50	-303,50	-73,50	-73,50	-73,50	-73,50	-483,50	-483,50	-483,50	-483,50
05	07	02	Riżoluzzjoni ta' tilwim	pm	pm	pm	pm	pm	pm	25,00	25,00	25,00	25,00	25,00	25,00
05	**08**		**STRATEĠIJA U KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI** (8)	**40,84**	**37,41**	**40,84**	**37,41**	**42,84**	**39,41**	**42,14**	**38,71**	**42,14**	**38,71**	**42,14**	**38,71**
05	08	01	Netwerk tad-Dejta tal-Kontabilità Agrikola (FADN)	13,98	13,88	13,98	13,88	13,98	13,88	13,98	13,88	13,98	13,88	13,98	13,88
05	08	02	Stħarriġ dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli	15,40	10,95	15,40	10,95	15,40	10,95	15,40	10,95	15,40	10,95	15,40	10,95
05	08	03	Ristrutturar tas-sistemi għall-istħarriġ agrikolu	1,46	2,58	1,46	2,58	1,46	2,58	1,46	2,58	1,46	2,58	1,46	2,58
05	08	06	Żieda tas-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-politika agrikola komuni	8,00	8,00	8,00	8,00	10,00	10,00	8,00	8,00	8,00	8,00	8,00	8,00
05	08	09	FAEG - Assistenza teknika operattiva	2,00	2,00	2,00	2,00	2,00	2,00	3,30	3,30	3,30	3,30	3,30	3,30
05			AGRIKOLTURA (Iffinanzjata mill-FAEG)	42.516,08	42.697,64	42.136,08	42.317,64	43.203,53	43.385,09	41.235,72	41.417,28	40.781,18	40.962,75	40.781,18	40.962,75
11			SWIEQ TAS-SAJD (Iffinanzjati mill-FAEG)	29,50	29,50	29,50	29,50	29,50	29,50	29,50	32,00	29,50	32,00	29,50	32,00
